MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 352/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Dorcell Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kurt Sultana u Dorcell Pace talli nhar-it 8 ta’ Marzu 2009, f’San Giljan, ghall-habta ta’ l-erbgha ta’ filghodu, ikkommettew serq ta’ *hand-bag* kontenenti diversi oggetti fosthom flus kontanti u apparat cellulari tal-marka Samsung, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ €232.93 izda inqas minn €2329.37 u bil-hin u li sehh ghad-detriment ta’ Amanda Scerri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Lulju 2010 li permezz taghha sabet lill imsemmija Dorcell Pace mhux hatja skond l- akkuza u lliberatha;

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fit-2 ta’ Awissu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddeciedi l-mertu tal-kawza mill-gdid billi ssib l-appellata imputata hatja ta’ l-akkuza migjuba kontra taghha u tinghata piena adegwata;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi meta ddecidiet li l-appellata ma kellhiex il-*mens rea* rikjesta biex tirrizulta l-htija. Jghid li l-appellata stess ammettiet l-involviment dirett taghha fl-istqarrija li ghamlet lill-Pulizija. Skond l-Avukat Generali, li kieku ma kienx ghall-assistenza ta’ l-appellata, ir-reat ma kienx jirnexxi. Jghid li r-reat sar fil-prezenza taghha li kellha r-rwol li tissorvelja l-post waqt li Kurt Sultana kien qieghed jaqbad il-baskett. Wara li ha l-baskett, l-appellata kellha l-pussess fiziku tal-baskett meta zammitu u hargu ‘l barra bih. Imbaghad hadet nofs il-flus u dan juri kemm fil-fatt appoggjat is-serq. Skond l-Avukat Generali, l-appellata ma talbitx lil Kurt Sultana jirritorna l-oggetti misruqa. Kellha l-opportunita` tirrifjuta li tassocja ruhha f’dan ir-reat, L-Avukat Generali ma jaqbilx ma’ dak li qalet l-ewwel Qorti li l-appellata kellha xi sentiment lejn Sultana peress illi fl-istqarrija taghha tghid li mnn dakinhar qatt ma ltaqghu aktar. Jirreferi wkoll ghal dak li xehed Kurt Sultana li l-appellata ma ppruvatx twaqqfu u ma wrietx li ma kellhiex pjacir bis-sitwazzjoni u qaltlu biss “mhux inti taf”. L-Avukat Generali jghid ukoll illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tillibera lill-appellata minhabba “dghufija ta’ karattru u sensittivita`

estrema”. Dawn semmai setghu kienu ragunijiet ghal mitigazzjoni fil-piena.

Issa, fl-istqarrija taghha l-appellata qalet: “Kurt qalli biex naghtih il-gakketta ghax kien hemm basket u ried jisirqu, u jiena ghalkemm ghall-ewwel ghidtlu le, accettajt u tajthielu. Huwa fil-fatt tefa’ l-gakketta fuq il-handbag tan-nies li kien fuq mejda, gabarhom b’kollox u tlaqna ‘l barra. Kif hrigna qalli biex inzomm il-gakketta bil-handbag li seraq b’kollox u jiena zammejthom u minn hemm bqajna sejrin hdejn il-bajja ta’ San Gorg….” Mill-banda l-ohra fix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti Kurt Sultana, filwaqt li jikkonferma li l-ideja biex jinsteraq il-handbag kienet tieghu, u li l-appellata ghall-bidu qaltlu le izda mbaghad qaltlu iva jew, kif indika fil-bidu tax-xiehda tieghu “mhux inti taf”, isostni illi uza l-gakketta tieghu biex jahbi l-baskett u li l-appellata rrifjutat li taghtih il-gakketta taghha. Nonostante cio`, fis-seduta tad-19 ta’ April 2010 quddiem l-ewwel Qorti, gie verbalizzat mid-difiza li l-appellata (allura imputata) kienet qed taccetta l-volontarjeta` ta’ l-istqarrija taghha. L-ewwel Qorti difatti fis-sentenza taghha accettat bhala veritjera l-verzjoni ta’ l-appellata, u cioe` li kienet hi li tat il-gakketta taghha lil Kurt Sultana biex iwettaq is-serq tal-baskett. Dik il-Qorti, pero`, ikkonkludiet li l-appellata ma kellhiex il-*mens rea* u li dan il-kaz jittratta biss id-dghufija ta’ karattru u sensittivita` estrema ta’ l-appellata.

Sabiex l-appellata setghet tkun ezenti minn responsabbilta` kriminali, kellu jigi ppruvat illi kienet imgieghla taghmel dak li ghamlet b’forza barranija li ma setghetx tirrezisti ghaliha. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, ghalkemm forsi l-appellata hi ta’ karattru dghajjef u ta’ sensittivita` estrema, il-“pressjoni” li seta’ ghamlilha Kurt Sultana ma kinitx pressjoni “irrezistibbli”. Ma kien hemm l-ebda minaccja da parti tieghu, l-ebda koerzjoni. Sahansitra fejn hemm minaccja, din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-6 ta’ Lulju 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ersilia sive Alison Gauci** rriteniet:

**“Issa, jekk bniedem minaccjat ikollu xi triq alternattiva li biha jista’ jehles minn dik il-forza barranija, kif ukoll**

**mid-dannu konsegwenzjali ta' dik il-minaccja, u hu, izda, jonqos milli jaghmel uzu tajjeb minn din it-triq alternattiva, allura l-artikolu 33(b) ma jkunx jista' jigi nvokat jew applikat. Cioe`, jekk, f'xi kaz partikolari, fejn bniedem qed ihossu jew qed jigi mhedded gravement b'xi forza barranija, jekk tezisti l-possibilita` li b'xi mod dak it-theddid u l-konsegwenzi tieghu jistghu jigu newtralizzati, allura, hu ghandu l-ewwelnett japprofitta ruhu minn dik l-opportunita`. Jekk ma jaghmilx hekk u jesegwixxi l-att li qed jigi mgieghel li jaghmel permezz ta' dik il-forza barranija, gravi kemm hi gravi, allura f'dak il-kaz ir-responsabilita` kriminali tieghu ma tkunx eskluza u l-artikolu 33(b) tal-Kap. 9 ma japplikax."**

Mhux hekk biss, izda meta hargu mil-lokal minn fejn ittiehed il-baskett, marru fil-Bajja ta' San Gorg u l-appellata hadet parti mir-refurtiva, u cioe` s-somma ta' tmenin euro (€80). Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx ma' l-Avukat Generali illi l-appellata ghandha titqies hatja bhala ko-awtur, izda bhala komplici.

Kif jghid Il-Professur Sir Anthony Mamo (Lectures on Criminal Law (1953 edit. Part I, pp.131 - 133) meta jkun qed jittratta l-kwistjoni tal-partecipazzjoni fizika ghall-fini tal-komplicita:-

***"The essential conditions common to those forms of complicity by physical participation are:-***
***(a) that the accomplice should be conscious of the offence contemplated by the principal and have the intention of assisting him in committing it;***
***(b) that the accomplice should have done some act in furtherance of the criminal design which he shares with the principal;***
***(c) that the act of the accomplice should have in fact helped in the commission of the offence."***

Fil-kaz in ezami, l-appellata kienet taf li Kurt Sultana kien se jisraq baskett u accettat li tghinu billi ttieh il-gakketta taghha; effettivament taghtu l-gakketta taghha biex ikun

jista’ jwettaq is-serq tal-baskett; dan fil-fatt ghen sabiex is-serq tal-baskett isehh.

Kwantu ghall-piena, jirrizulta li l-appellata ghandha fedina penali kompletament nadifa u li r-refurtiva ntraddet lura lill-vittma tar-reat. Imbaghad dak li l-ewwel Qorti rriskontrat bhala dghufija ta’ karattru u sensittivita` estrema huma fatturi, kif anke jaqbel l-Avukat Generali, li jistghu jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini ta’ mitigazzjoni tal-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellata Dorcell Pace hatja bhala komplici fl-imputazzjoni dedotta kontra taghha, u, wara li rat l-artikoli 42(c)(d), 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor sa zmien sena millum. Din il-Qorti fissret lill-hatja bi kliem li jiftiehem sew li jekk taghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, hija tkun tista’ tinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------